Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,521, 13 ta' Novembru, 2020
Taqsima B

A.L. 430 tal-2020

ATT DWAR L-UŻU MILL-ĠDID TAL-INFORMAZZJONI TAS-SETTUR PUBBLIKU (KAP. 546)

Regolamenti tal-2020 dwar Reġistru ta' Negozji u t-Tqassim ta' Informazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 25 tal-Att dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Informazzjoni tas-Settur Pubbliku, il-Ministru responsabbli għall-Informazzjoni tas-Settur Pubbliku għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, għan u applikabilità.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2020 dwar Reġistru ta' Negozji u t-Tqassim ta' Informazzjoni.

(2) Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu:

(a) Reġistratur għan-Negozji li jkollu r-responsabbiltà li jamministra r-Reġistru ta' Negozji;

(b) Reġistru ta' Negozji li jirreġistra n-negozji kollha stabbiliti f'Malta u l-assenjament ta' identifikatur uniku li jinqara minn tagħmir għal kull negozju li jkollu d-dettalji tiegħu reġistrati fir-Reġistru ta' Negozji; u

(ċ) Portal ta' Negozji li jiffaċilita t-tqassim ta' informazzjoni dwar negozji bejn korpi tas-settur pubbliku u bejn korpi tas-settur pubbliku u negozji.

(3) Dawn ir-regolamenti jipprovdu għal miżuri li huma neċessarji biex jingħata effett sħiħ lill-Att billi jiffaċilitaw it-tqassim ta' *data* dwar negozji wżata komunement bejn korpi tas-settur pubbliku.

(4) Dawn ir-regolamenti jipprovdu wkoll għat-twaqqif u ż-żamma ta' profil ta' negozji li fih negozji jistgħu jaħżnu informazzjoni li tirrigwarda l-attivitajiet tagħhom u jqassmuha ma' korpi tas-settur pubbliku kif jista' jkun meħtieġ minn żmien għal żmien.

(5) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data jew dati li l-Ministru responsabbli għall-Informazzjoni tas-Settur

Pubbliku jista', permezz ta' Avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal għanijiet differenti jew dispożizzjonijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 546.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Informazzjoni tas-Settur Pubbliku;

A.L. 429 tal-2020.

"*data* miftuħa" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fir-Regolamenti tal-2020 dwar l-Istrutturi ta' Organizzazzjoni għat-Tqassim u l-Użu mill-Ġdid ta' *Data*;

"direttur" tinkludi kull persuna li tokkupa l-kariga ta' direttur ta' kumpannija tkun kif tkun imsemmija dik il-kariga li ġġib magħha t-twettiq sostanzjali tal-istess funzjonijiet fir-rigward tat-tmexxija tal-kumpannija bħal dawk li jitwettqu minn direttur;

"ġeneratur ta' *data*" tfisser kull persuna, intrapriża jew korp pubbliku responsabbli għall-ġenerazzjoni u l-aġġornar ta' informazzjoni li tirrigwarda n-negozju u *data* li għandha titqassam lil entitajiet pubbliċi;

A.L. 429 tal-2020.

"identifikatur uniku" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fir-Regolamenti tal-2020 dwar l-Istrutturi ta' Organizzazzjoni għat-Tqassim u l-Użu mill-Ġdid ta' *Data*;

"informazzjoni" għandha tinkludi *data*;

"intrapriża" jew "negozju" tfisser entità li hi mqabbda f'attività ekonomika, jiġifieri attività li tikkonsisti fl-offerta ta' oġġetti jew servizzi f'suq partikolari, irrispettivament mill-istatus legali tagħha u l-mod li bih tiġi ffinanzjata; intrapriża elenkata fir-Reġistru tista' tkun jew -

Kap. 386.
Kap. 168.

(a) soċjetà kummerċjali ffurmata u reġistrata taħt l-Att dwar il-Kumpanniji jew iffurmata u reġistrata taħt l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali fejn ikun applikabbli, jew

Kap. 452.

(b) persuna li taħdem għal rasha kif imfisser fl-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali; jew

Kap. 442.

(ċ) soċjetà koperattiva kif imfisser fl-Att dwar Soċjetajiet Koperattivi; jew

(d) kull attività ekonomika oħra:

Iżda "intrapriża" jew "negozju" għandha tinkludi wkoll

imprendituri u, jew entitajiet ta' negozju li jistgħu japplikaw għal ċerti inċentivi, minkejja li ma jkunux għadhom ġew inkorporati f'Malta, iżda li jistgħu jiġu intaxxati f'Malta abbażi tal-operazzjonijiet tagħhom, konformement mal-leġiżlazzjoni relattiva fis-seħħ f'dak iż-żmien;

"isem", fir-rigward ta' individwu, tfisser l-isem jew l-ismijiet u l-kunjom ta' dak l-individwu;

"korp tas-settur pubbliku" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fir-Regolamenti tal-2020 dwar l-Istrutturi ta' Organizzazzjoni għat-Tqassim u l-Użu mill-Ġdid ta' *Data*; A.L. 429 tal-2020.

"kumpannija ta' responsabbiltà limitata" tfisser kumpannija debitament iffurmata u reġistrata skont it-Taqsima V tal-Att dwar il-Kumpanniji; Kap. 386.

"*manager* tad-*data*" tfisser persuna fiżika maħtura mis-sidien ta' intrapriża, permezz ta riżoluzzjoni tal-bord fil-każ ta' kumpannija, biex tmexxi l-affarijiet ta' kuljum tal-intrapriża u li tkun responsabbli għall-aġġornar tad-dettalji dwar l-intrapriża fir-Reġistru; fil-każ ta' negozjant li jaħdem waħdu, il-*manager* tad-*data* jkun is-sid uniku stess, u fil-każ ta' soċjetà, il-*manager* tad-*data* jkun wieħed mis-soċji, sakemm, fiż-żewġ każijiet, ma tinħatarx persuna speċifikatament biex twettaq tali funzjoni;

"preskritt" tfisser preskritt b'regolamenti magħmulin jew meqjusa bħala magħmulin taħt l-Att, u fejn ma jkunx hemm fis-seħħ regolament fir-rigward ta' xi ħaġa li tista' jew li għandha tiġi preskritta, tfisser determinata, approvata jew permessa mill-Ministru;

"*public limited company*" tfisser kumpannija debitament iffurmata u reġistrata skont it-Taqsima V tal-Att dwar il-Kumpanniji; Kap. 386.

"*record* uffiċjali" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fir-Regolamenti tal-2020 dwar l-Istrutturi ta' Organizzazzjoni għat-Tqassim u l-Użu mill-Ġdid ta' *Data*; A.L. 429 tal-2020.

"ir-Reġistratur" tfisser persuna li tiġi maħtura biex tassenja l-identifikatur uniku lil kull intrapriża u biex tamministra r-Reġistru ta' Negozji skont dawn ir-regolamenti, u maħtura bis-saħħa tar-regolament 3.

"Reġistru tar-Reġistri" tfisser ir-Reġistru stabbilit taħt it-Taqsima V tar-Regolamenti tal-2020 dwar l-Istrutturi ta' Organizzazzjoni għat-Tqassim u l-Użu mill-Ġdid ta' *Data*; A.L. 429 tal-2020.

"reġistru uffiċjali" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fir-Regolamenti tal-2020 dwar l-Istrutturi ta' A.L. 429 tal-2020.

Organizzazzjoni għat-Tqassim u l-Użu mill-Ġdid ta' *Data*;

"Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*" tfisser ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*);

A.L. 429 tal-2020.

"ir-Regolatur" tfisser l-awtorità regolatorja għall-finijiet tal-Att kif imfisser fir-Regolamenti tal-2020 dwar l-Istrutturi ta' Organizzazzjoni għat-Tqassim u l-Użu mill-Ġdid ta' *Data*;

"sid" tfisser il-persuna fiżika li tkun il-benefiċjarju aħħari u li, direttament jew indirettament, għandha azzjonijiet jew interess ieħor fin-negozju;

A.L. 429 tal-2020.

"sid tad-*data*" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fir-Regolamenti tal-2020 dwar l-Istrutturi ta' Organizzazzjoni għat-Tqassim u l-Użu mill-Ġdid ta' *Data*;

A.L. 429 tal-2020.

"sistema ta' informazzjoni" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fir-Regolamenti tal-2020 dwar l-Istrutturi ta' Organizzazzjoni għat-Tqassim u l-Użu mill-Ġdid ta' *Data*;

Kap. 386.

"soċjetà" tfisser soċjetà f'isem kollettiv jew soċjetà *in akkomandita* debitament iffurmata u reġistrata skont it-Taqsima III u t-Taqsima V tal-Att dwar il-Kumpanniji;

"stabbilit/a f'Malta" tfisser l-uffiċċju prinċipali, aġenzija, fergħa jew parti minn negozju;

A.L. 429 tal-2020.

"tqassim ta' *data*" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fir-Regolamenti tal-2020 dwar l-Istrutturi ta' Organizzazzjoni għat-Tqassim u l-Użu mill-Ġdid ta' *Data*.

Twaqqif ta' Reġistru ta' Negozji u Reġistratur għan-Negozji.

3. (1) Għandu jitwaqqaf Reġistru ta' Negozji li jkun fih il-profil tan-negozju ta' kull intrapriża li topera f'Malta jew minn Malta; id-dettalji li għandhom jinħażnu u jinżammu għal kull profil ta' negozju għandhom ikunu konformi mal-lista li tinsab fl-Iskeda 1.

(2) Għandu jinħatar, mill-Ministru responsabbli għar-reġistrazzjoni ta' soċjetajiet kummerċjali, Reġistratur għan-Negozji, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ir-Reġistratur", li jkollu r-responsabbiltà li jfassal, u jaġġorna regolarment, ir-Reġistru ta' Negozji skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Il-funzjonijiet u d-dmirijiet tar-Reġistratur għandhom jitwettqu mir-Reġistratur tal-Kumpanniji u ta' Soċjetajiet Kummerċjali oħra maħtur skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 400 tal-Att dwar il-Kumpanniji: Kap. 386.

Iżda r-Reġistratur jista', bl-approvazzjoni tal-Ministru, jiddelega xi uħud mill-funzjonijiet amministrattivi tiegħu, jew kollha kemm huma, lil entità awtorizzata.

Identifikatur uniku.

4. (1) Ir-Reġistratur għandu jassenja identifikatur uniku għal kull intrapriża stabbilita f'Malta u elenkata fir-Reġistru, sabiex l-intrapriża tista' tiġi unikament identifikata.

(2) L-identifikatur uniku għandu jkun l-identifikatur li għandu jiġi kkwotat minn intrapriża kull darba li twettaq xi operazzjoni ma' xi korp tas-settur pubbliku; u l-korp tas-settur pubbliku għandu juża l-istess identifikatur f'kull attività relatata.

Aċċess biex tiġi reġistrata informazzjoni fir-Reġistru.

5. (1) Għandu jkun hemm aċċess għar-Reġistru minn utenti awtorizzati li jkunu impjegati jew kuntratturi li jaġixxu f'isem u għal korp tas-settur pubbliku, liema korp ikun responsabbli għall-mod li fih id-*data* mir-Reġistru għandha tintuża fi ħdan tali korp tas-settur pubbliku.

(2) Sakemm ma jkunx awtorizzat mod ieħor mir-Regolatur, il-pubbliku ġenerali jkollu aċċess għall-informazzjoni kif inkluża fl-Iskeda 2, kif din tista' tiġi emendata, sostitwita jew aġġornata mir-Reġistratur minn żmien għal żmien.

(3) Kull persuna interessata tista' bil-miktub, tikkontesta mar-Regolatur l-informazzjoni fil-profil tan-negozju.

Portal ta' negozji.

6. (1) Għandu jitwaqqaf, mir-Reġistratur jew mid-delegat tiegħu, portal ta' negozji li jkollu l-funzjoni li jiffaċilita t-tħaddim, l-aġġornar u t-tqassim ta' informazzjoni dwar in-negozju mal-firxa ta' korpi tas-settur pubbliku, kif ukoll ir-regolamentazzjoni tal-aċċess għaliha, permezz tat-tħaddim tal-profil ta' negozji.

(2) Għandha tinħatar ukoll, mill-Ministru responsabbli għar-reġistrazzjoni ta' soċjetajiet kummerċjali, persuna li jkollha r-responsabbiltà tal-amministrazzjoni tal-portal ta' negozji skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Il-portal għandu jiġi ddiżinjat b'tali mod li jippermetti l-interazzjoni bejn intrapriżi, u s-sidien ta' *data* relatata ma' tali intrapriżi; id-*data* li tiġi sottomessa permezz tal-portal lil *stakeholder* wieħed titqies li tkun ġiet sottomessa lil utenti oħra elenkati fl-Iskedi 1 u 3.

(4) L-informazzjoni li tista' titqassam permezz tal-portal ta' negozji u s-sidien tad-*data* ta' kull qasam tad-*data* fil-portal ta' negozji hi elenkata fl-Iskeda 3.

Responsabbiltajiet ta' intrapriżi.

7. (1) L-intrapriżi għandhom ir-responsabbiltà li jiżguraw li l-informazzjoni fil-profil ta' negozju tinżamm korretta u aġġornata.

(2) Fil-każ fejn intrapriża twaqqaf l-operat tagħha, jew tkun b'mod ieħor kisret id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-*manager* tad-*data* jew is-sid, kif ikun il-każ, tal-intrapriża għandhom jaġġornaw l-istatus tal-profil ta' negozju għal dik ir-raġuni, fi żmien xahar mid-data ta' tali tmiem tal-operat jew okkorrenza ta' tali ksur.

(3) Meta korp tas-settur pubbliku jkollu għalfejn raġjonevolment jemmen li l-intrapriża tkun fil-fatt waqqfet l-operat tagħha, jew tkun b'mod ieħor kisret id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-korp tas-settur pubbliku għandu jinforma lir-Regolatur dwar dan, u r-Regolatur ikollu d-dritt jaġġorna l-profil ta' negozju skont hekk:

Iżda s-sid tad-*data* jista' jikkontesta l-bidla billi jissottometti provi kontra tali bidla; is-sid tad-*data* jkollu d-dritt, ladarba jkun ġie ppruvat li l-bidla ma kienitx korretta, u tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni mir-Regolatur, li jibdel hu stess l-annotazzjoni li ma kienitx korretta u jinforma l-korp tas-settur pubbliku dwar dan.

Responsabbiltajiet ta' sidien tad-*data* (korpi tas-settur pubbliku).

8. (1) Sidien tad-*data* ta' korpi tas-settur pubbliku jkunu responsabbli li:

(a) jżommu r-*records* tagħhom u, jew l-oqsma tad-*data* elenkati fl-Iskeda 3 u jiżguraw li l-informazzjoni li jipprovdu permezz tal-portal ta' negozji tirrifletti l-informazzjoni vera u aġġornata;

(b) jinstallaw prodotti ta' *software* u għodod li għandhom jintużaw sabiex issir il-komunikazzjoni tal-informazzjoni 'minn tagħmir għal tagħmir' li tista' tiġi permessa li titqassam jew użata mill-ġdid abbażi ta' dawn ir-regolamenti; u

(ċ) jindikaw fil-korrispondenza tagħhom ma' intrapriżi elenkati fir-Reġistru, kemm b'mod elettroniku jew mod ieħor, l-identifikatur uniku ta' kull intrapriża inkluża fir-Reġistru u li dwarha hemm l-obbligu li jinżamm *record*.

Obbligu ta' konnessjoni mal-portal ta' negozji.

9. (1) Korpi tas-settur pubbliku responsabbli għal reġistri uffiċjali kif inklużi fir-Reġistru ta' Reġistri u li huma identifikati bħala li għandhom *data* ta' negozju komuni kif elenkata fl-Iskeda 3

għandhom ikunu konnessi mal-profil ta' negozju permezz tal-identifikaturi uniċi sabiex jistabbilixxu konnessjoni bejn ir-*records* maħżuna lokalment u l-identifikatur tan-negozji miżmum ċentralment:

Iżda l-konnessjonijiet stabbiliti bejn ir-reġistri uffiċjali li jippermettu l-interoperabilità u l-użu mill-ġdid ta' *data* għandhom jibqgħu taħt il-kontroll u l-viżibilità kompleta tas-sid tas-sors tad-*data* u l-aċċess għal tali *data* jkun permess biss kif imfisser f'dawn ir-regolamenti jew f'xi leġiżlazzjoni oħra rilevanti.

(2) Il-korp tas-settur pubbliku responsabbli għar-reġistru uffiċjali li jkun fih *data* dwar negozji jkollu d-dmir li jipprovdi *data* lil reġistri oħra konformement mal-liġi li tirregola r-reġistri uffiċjali kkonċernati u skont il-konnessjonijiet stabbiliti taħt l-Iskeda 3.

Tqassim ta' *data*.
Kap. 546.
Kap. 586.

10. (1) Għall-finijiet tal-Att, u konformement mal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, l-informazzjoni li tirrigwarda l-intrapriżi elenkata u li tinsab fil-profil ta' negozju għandha titqassam permezz tal-portal ta' negozji fuq il-bażi ta' 'dak li hu meħtieġ' biss fid-diskrezzjoni tar-Regolatur.

(2) Minkejja kull leġiżlazzjoni oħra, korpi tas-settur pubbliku għandhom iqassmu u jużaw informazzjoni, li tirrigwarda negozji, bejniethom għall-finijiet tat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom.

(3) L-ebda korp tas-settur pubbliku ma jista' jiżvela lil xi terza parti ebda informazzjoni miksuba konformement mas-subregolamenti (1) jew (2).

Bażi għat-tqassim ta' *data*.

11. It-tqassim u l-użu mill-ġdid ta' *data* permezz tal-Portal ta' Negozji għandu jkun ibbażat fuq l-Iskedi li ġejjin u r-regoli relatati mfissra hawn aktar 'il quddiem:

(a) l-Iskeda 1 għandu jkun fiha l-lista sħiħa tal-elementi tad-*data* li jikkostitwixxu r-Reġistru ta' Negozji u li huma maħżuna u miżmuma mir-Reġistratur;

(b) l-Iskeda 2 għandu jkun fiha l-lista ta' elementi ta' *data* mill-Iskeda 1 li huma disponibbli bħala *data* miftuħa; u

(ċ) l-Iskeda 3 għandu jkun fiha l-lista sħiħa ta' elementi tad-*data* miżmuma minn xi korp ieħor tas-settur pubbliku u lista tal-proċessi tal-amministrazzjoni pubblika b'konnessjonijiet bejn proċess u *dataset*, u jkun fiha ukoll ġustifikazzjoni għall-aċċess għal użu mill-ġdid ta' tali *data*.

Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

12. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-intrapriżi kollha elenkati fir-Reġistru ta' Negozji għandhom jitqiesu bħala intrapriżi ta' negozju għal raġunijiet ta' protezzjoni ta' *data*.

(2) Sabiex jitneħħa kwalunkwe dubju, individwu li jaħdem għal rasu u li jkun reġistrat taħt dawn ir-regolamenti għandu jitqies bħala intrapriża ta' negozju u għaldaqstant id-*data* kollha li tirrigwarda n-negozju tista' titqassam u jkun hemm aċċess għaliha minn entitajiet pubbliċi bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament u r-regolament 10.

Azzjoni ta' rimedju.

13. (1) Ir-Regolatur għandu jirċievi rapporti u talbiet minn kull korp tas-settur pubbliku dwar ksur ta' dawn ir-regolamenti, u għandu jieħu tali azzjoni ta' rimedju li hu jidhirlu meħtieġa jew kif tista' tkun preskritta taħt dawn ir-regolamenti, u għandu jinforma lill-persuni u lill-intrapriża kkonċernati u l-utenti tar-Reġistru dwar l-eżitu tad-deċiżjoni tiegħu.

(2) Kull persuna li tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni tar-Regolatur taħt dan ir-regolament tista' tappella quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva stabbilit skont l-artikolu 5(1) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

Kap. 490.

Persuni li jħossu ruħhom aggravati.

14. (1) Ma jkun hemm l-ebda azzjoni kontra r-Reġistratur jew xi uffiċjal jew impjegat tiegħu, jew kontra xi korp tas-settur pubbliku, jew xi entità awtorizzata delegata taħt ir-regolament 3(3), li jipprovdu informazzjoni taħt dawn ir-regolamenti, fir-rigward ta' xi att jew ommissjoni magħmula *bona fide* mir-Reġistratur, xi uffiċjal jew impjegat tiegħu, korp tas-settur pubbliku jew entità awtorizzata fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħhom taħt dawn ir-regolamenti.

(2) Meta r-Reġistratur jipprovdi, b'mod elettroniku jew mod ieħor, informazzjoni li tirrigwarda intrapriża reġistrata taħt dawn ir-regolamenti lil xi persuna oħra, la r-Reġistratur u lanqas xi uffiċjal jew impjegat tiegħu li jkunu involuti fl-għoti ta' tali informazzjoni ma jkunu responsabbli għal xi dannu jew ħsara mġarrba minn xi persuna, minħabba f'xi żball jew ommissjoni, ta' kull għamla jew ikunu kif ikunu ġew ikkawżati, jekk l-iżball jew l-ommissjoni jsiru *bona fide* u waqt it-twettiq ordinarju tad-dmirijiet tar-Reġistratur jew uffiċjal jew impjegat, jew seħħew jew inqalgħu bħala riżultat ta' xi difett jew ħsara fis-servizz jew f'xi tagħmir użat biex jingħata is-servizz.

Dritt ta' appell.

15. Kull persuna jew entità tas-settur pubbliku li tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni tar-Regolatur taħt dawn ir-regolamenti tista' tappella quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva stabbilit skont l-artikolu 5(1) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

Ksur tar-regolamenti.

16. Kull persuna li tikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-

regolamenti tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, dawk il-pieni li jistgħu jiġu preskritti.

Ksur magħmul minn korp magħqud.

17. Fejn il-ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jitwettaq minn korp magħqud u jkun hemm prova li jkun ġie mwettaq bil-kunsens jew l-involviment ta', jew ikun attribwibbli għal negliġenza qawwija min-naħa ta', persuna li tkun direttur, *manager*, segretarju jew xi uffiċjal ieħor, tkun xi tkun il-kariga, tal-korp magħqud jew persuna li tkun qed taġixxi f'xi tali kariga, dik il-persuna, kif ukoll il-korp magħqud għandhom jiġu proċessati u jeħlu l-pieni bħallikieku kienu responsabbli għall-imsemmi ksur.

Skeda 1

[(Regolamenti 3(1), 6(3) u 11(1)(a)]

Lista sħiħa tal-elementi tad-*data* li jikkostitwixxu r-Reġistru ta' Negozji u li huma maħżuna u miżmuma mir-Reġistratur

https://open.data.gov.mt/search_all.html?id=53042&key=Subordinates

---

Skeda 2

[(Regolamenti 5(2), 6(4), 8(1)(a) u 11(1)(b)]

Lista ta' elementi ta' *data* mill-Iskeda 1 li huma disponibbli bħala *data* miftuħa

https://open.data.gov.mt/search_all.html?id=53043&key=Subordinates

---

Skeda 3

[(Regolamenti 6(3), 9(1) u (2) u 11(1)(ċ)]

Lista sħiħa ta' elementi tad-*data* miżmuma minn xi korp ieħor tas-settur pubbliku u lista tal-proċessi tal-amministrazzjoni pubblika b'konnessjonijiet bejn proċess u *dataset*

https://open.data.gov.mt/search_all.html?id=53044&key=Subordinates